**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 21 ta' Marzu, 2018

Rikors Guramentat numru : 212/16 AL

**B A**

**Vs**

**B C**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**
**u b'digriet tat-22 ta' Novembru 2016 Sister E B (ID 428045M) giet mahtura bhala kuratur tal-minuri T B u b'digriet tat-18 ta' Jannar 2017 giet kjamata fil-kawza Trista B debitament rapprezentata minn Sister E B.**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

**Illi** minn relazzjoni mal-konvenuta C B, li ghalkemm jgieb l-istess kunjom, m'jumiex mizzewga, tnisslet u twieldet fil-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru 2008, f'Mater Dei Msida,   tifla bl-isem T;

2. **Illi** r-rikorrent gharaf lill-minuri T bhala bintu fl-Att tat-Twelied peress li l-konvenuta taghtu x'jifhem li huwa kien il-missier naturali tal' l-istess minuri;
3. Illi eventwalment sar jaf minn naha tal-konvenuta li huwa m'huwiex il-missier naturali tal-minuri T u wara t-twettiq ta' ezamijiet xjentifici ta' paternita' dan gie kkonfermat; (Dok 'A'),
4. Illi fic-Certifikat tat-Twelied hawn anness u mAat bhala Dok 'B', ir-rikorrenti, A B jidher bhala missier il-minuri T B minkejja l-fatt li huwa mhux il-missier naturali tal- l-istess minuri;
5. Illi ghalhekk r-rikorrenti ghandu kull interess li jressaq din l-istanza sabiex l-Att tat-Twelid tal-minuri T B jigi korrett billi minnu titnehha kull referenza ghar-rikorrenti bhala missier it-tarbija.

Talab li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

Tiddeciedi u tiddikjara li r-rikorrenti m'huwiex il-missier naturali tal-minuri T B;
2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq l-Att tat-Twelid tal-minuri T B, liema Att ghandu n-numru 4416/2008 kull referenza ghar-rikorrenti, u kwalsijasi taghrif iehor dwaru konness mall-allegat paternita' tieghu u minflok jitnizzel 'missier mhux maghruf;
iii. Tordna kull porvvediment iehor li jidhrilha xierqa u opportuni.
Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, li huma ngunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur Tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa : (fol. 14)

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Ġenerali ma ġiex notifikat skont kif jipprovdi l-**Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Isegwi għalhekk illi t-terminu għall-preżentata tar-risposta għadu ma bediex jiddikorri;

2. Illi preliminarjament ukoll huwa indispensabbli għall-integrita' tal-ġudizzju li tiġi imsejħa fil-kawża l-minorenni T B u li għandha tkun debitament rappreżentata minn kuratur jew tutur maħtur mill-Qorti, skont id-disposizzjonijiet tal-**Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**;

3. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji;
4. Illi l-esponent jistqarr li għalkemm ir-rikorrent ippreżenta r-rapport ta' testijiet ġenetiċi li jindikaw li huwa mhuwiex il-missier naturali tal-minorenni T B ai termini tal-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta,** dan l-imsemmi **<u>rapport jonqos li jiġi maħluf</u>** minn Dr. Edward Calleja u Dr. Marisa Cassar;

5. Illi subordinatament u bla preġudizzju għall-premess, jekk jintlaqgħu t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent xorta waħda jħoss li huwa fl-aħjar interess tal-minuri T B, illi l-intimata C B tispeċifika min huwa l-isem eżatt tal-missier naturali ħalli b'hekk dan ikun jista' jiġi msejjaħ fil-kawża anke bl-applikazzjoni ta' l-**Artikolu 149 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.** Di fatti huwa opportun u xieraq li l-minuri T B, tal-inqas għandha tkun taf min huwa l-missier naturali tagħha;

6. Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li tintlaqa' il-ħames eċċezzjoni ta' l-esponent, l-esponent jinvita lill-missier naturali tal-minuri T B sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieldet T B, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet it-tifla T B. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita T B bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 4416 tas-sena 2008;

7. Illi bla preġudizzju għas-suespost fil-każ illi tintlaqa' il-ħames eċċezzjoni tar-rikorrent il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi l-minuri T a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

8. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat in-nota[1] tal-konvenuta C B illi permezz tagħha hija ammettiet it-talbiet attriċi in vista li huwa minnu li l-attur m'huwiex il-missier naturali tal-minuri;

Rat illi d-Direttur konvenut irtira l-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu[2];

Rat illi t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet issorvolata billi l-minuri ġiet ikkjamata fil-kawża u dana billi ġiet maħtura Sister E B sabiex tirrappreżentaha f'dawn l-atti[3];

Rat illi l-istess kuratriċi ma ppreżentat ebda risposta ġuramentat għan-nom tal-minuri u li għalhekk l-istess minuri hija kontumaċja f'dawn il-proċeduri;

Rat is-Subtitolu III tat-Titolu II tal-Kodiċi Ċivili[4], illi jirrigwarda il-filjazzjoni tal-ulied imnissla jew imwielda barra iż-żwieġ, partikolarment l-Artikolu 99, illi fuqu hija msejsa l-kawża odjerna. Dana jistipula:

***"99. L-att li bih jiġi magħruf tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi attakkat mit-tifel kif ukoll minn kull min ikollu interess."***

Rat in-nota tal-konvenuta[5] C B, fejn din iddikjarat illi missier il-minuri T m'huwiex magħruf. Hija talbet ukoll illi kunjom il-minuri jibqa' B.

Rat illi permezz ta' dikjarazzjoni ippreżentata fl-14 ta' Novembru 2017[6], il-konvenuta C B, stqarret illi hija kienet f'relazzjoni ma' A

---

[1] Ippreżentata fil-15 ta' Novembru 2016, fol. 17
[2] Fl-udjenza tat-22 ta' Novembru 2016, fol. 19
[3] Digriet tat-18 ta' Jannar 2017, fol. 25
[4] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta
[5] Fol. 39

B meta nqabdet tqila. Illi għalhekk kienet ħasbet illi t-tarbija kienet tiegħu u fil-fatt huwa kien irrikonoxxiha fuq l-att tat-twelid. Sqarret illi fil-perjodu li hija kienet toħroġ mal-attur, hija kienet ħarġet ma' persuna oħra u kellhom x'jaqsmu flimkien. Hija tilfet kull komunikazzjoni ma' dan it-terz minn dak in-nhar. Meta spiċċat ir-relazzjoni bejn il-partijiet, l-attur talabha biex isir l-eżami tad-DNA. Sar it-test tad-DNA, minn fejn irriżulta illi l-attur m'huwiex il-missier naturali tal-minuri T*. "Niddikjara li T twieldet minn unknown father."*

Rat illi mill-atti jirriżulta illi l-attur A B (K.I.540787M) m'huwiex il-missier naturali tal-minuri T B imwielda lill-konvenuta C B nhar l-24 ta' Novembru 2008[7], u dana kif ġie stabbilit mit-testijiet ġenetiċi ta' paternita` redatti minn Dr. Marisa Cassar[8]. Dr. Cassar ikkonfermat bil-ġurament[9] li Dr. Edward Calleja[10] ħa l-kampjun orali tal-attur A B (K.I.540787M) u tal-minuri T B (imwielda 24/11/2008) u għaddih lilha sabiex ikunu jistgħu jsiru t-testijiet ġenetiċi tad-DNA. Mit-testijiet li għamlet, irriżulta illi A B (K.I.540787M) m'huwiex il-missier naturali u bijoloġiku ta' T B.

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba intavolata minn raġel li għal diversi snin kien maħsub li huwa l-missier, għaċ-ċaħda tal-paternita` tiegħu versu l-minuri T B. L-attur jikkontendi li

---

[6] Fol. 40

[7] Iċ-Ċertifikat tat-twelid relattiv jinsab esebit fol. 5 tal-proċess.

[8] Rapport esebit fol. 3 u l-affidavit tagħha jinsab ukoll esebit fol. 34

[9] Affidavit esebit, fol. 34

[10] Dr. Edward Calleja ikkonferma r-rizultanzi tat-testijiet ġenetiċi nhar il-25 t'Awwissu 2017; ara t-timbru fol. 4.

minkejja li l-minuri hija rreġistrata bħala bintu, din m'hijiex il-wild naturali u bijoloġiku tiegħu.

Jispjega illi huwa u l-konvenuta qatt ma kienu miżżewġin (minkejja li t-tnejn kunjomhom B) iżda kellhom relazzjoni intima flimkien. Jgħid illi l-konvenuta tagħtu x'jifhem illi l-minuri imwielda lilha fl-24 ta' Novembru 2008, kienet frott tar-relazzjoni tagħhom. Illi sussegwentement f'Lulju tas-sena 2011, ġie kkonfermat permezz tat-testijiet xjentifiċi appożiti illi dana ma kienx minnu u li għalhekk il-minuri T ma kinitx bintu naturali.

Għalhekk permezz ta' din il-kawża, qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li huwa mhux il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri billi l-konnotati tiegħu jiġu kanċellati minn fuq l-istess ċertifikat.

Illi kif dejjem irritjeniet il-Qorti, f'kawżi bħal dawn, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra u cioe jekk il-konvenuta possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-attur, fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri T.

Fil-każ odjern, jirriżulta mill-istess testijiet ġenetiċi illi effettivament il-minuri T  B m'hijiex il-wild naturali u bijoloġiku tal-attur A B.

It-test xjentifiku, hekk kif ikkonfermat bil-ġurament, jelimina kull dubju dwar il-paternita` tal-minuri. Għaldaqstant, il-provi miġjuba quddiem din l-Onorabbli Qorti juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku li T B  m'hijiex il-wild naturali u bijoloġiku tal-attur A B. Illi għalhekk, il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' it- talbiet attriċi.

Il-Qorti taqbel mad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku illi x'aktarx ikun fl-aħjar interess tal-minuri li tkun jaf min hu missierha. Effettivament il-Qorti m'għandha ebda dubju li l-konvenuta taf tajjeb min hu missier it-tifla, iżda ma tridx tiżvela l-identita` tiegħu. Għaldaqstant tissolleċita lill-omm ossia lill-konvenuta C

B sabiex taġixxi fl-aħjar interess tat-tifla u tagħmel dak li huwa neċessarju biex iċ-ċertifikat tat-twelid tagħha jkun jirrifletti din il-verita` u biex il-minuri tkun magħquda ma' missierha.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku billi:

1. Tiddikjara illi l-attur A B m'huwiex il-missier naturali u bijoloġiku ta' T B imwielda lill-konvenuta C B nhar l-24 ta' Novembru 2008;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iħassar minn fuq iċ-ċertifikat tal-twelid tal-imsemmija minuri, innumerat erbat'elef erba'  mija u sittax tas-sena elfejn u tmienja (4416/2008), kwalsiasi konnotazzjoni li tirreferi għall-attur u minflok iniżżel il-kliem "missier mhux magħruf";

3. Tordna illi l-minuri tibqa' magħrufa bil-kunjom B;

Bl-ispejjeż, inkluż tat-testijiet ġenetiċi esebiti fl-atti proċesswali, kontra l-konvenuta C B.